

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10641/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0157(NLE)

ECOFIN 828
UEM 269
FIN 902
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mil-Latvja fit-30 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023³, tat-18 ta’ Frar 2025⁴ u tat-12 ta’ Diċembru 2025⁵.
- (2) Fis-27 ta’ Mejju 2026, il-Latvja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, il-Latvja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP li ressqet il-Latvja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 22 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10157/21 u ST 10157/21 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15569/23 INIT u ST 15569/23 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 5730/25 INIT u ST 5730/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 15719/25 INIT u ST 15719/25 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Latvja spjegat li żewġ miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni, inklużi sfidi fl-akkwist, diffikultà biex jiġu attirati biżżejjed offerenti u restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista li jimpedixxu l-progress tal-miżuri u jagħmlu l-ippjanar inizjali mhux fattibbli. Dan jikkonċerna l-miżura 2.3.2.3.i (L-għeluq tad-distakk diġitali għal studenti u istituzzjonijiet edukattivi soċjalment vulnerabbli) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali) u l-miżura 3.1.2.1.i (Miżuri għall-promozzjoni tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi għal persuni b'indebolimenti funzjonali) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza). Abbażi ta' dak, il-Latvja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Latvja spjegat li ġew emendati 18 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri 1.1.1.r (Sistema tat-trasport sostenibbli), 1.1.1.i (Titjib tal-infrastruttura tat-trasport metropolitan ta' Riga), 1.2.1.2.i (Żieda fl-effiċjenza enerġetika fin-negozju fil-forma ta' strument finanzjarju kkombinat), 1.2.1.4.i (Titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini tas-settur pubbliku) taħt il-Komponent 1 (Tibdil fil-Klima u Sostenibbiltà Ambjentali); il-miżuri 2.1.1.1.i (Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi), 2.1.3.1.i (Id-disponibbiltà, il-kondiviżjoni u l-analiżi tad-data), 2.3.1.1.i (It-twettiq tal-ħiliet diġitali), 2.3.1.2.i (L-iżvilupp tal-ħiliet diġitali), 2.3.2.2.i (L-iżvilupp tal-ħiliet u l-kapaċitajiet tat-trasformazzjoni diġitali tal-gvern statali u lokali), 2.4.1.2.i (L-iżvilupp tal-infrastruttura "tal-aħħar mil" tan-network tal-broadband jew ta' kapaċità għolja ħafna) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali); il-miżuri 3.1.1.3.i (Investimenti fl-infrastruttura pubblika għall-iżvilupp ta' parks industrijali fir-reġjuni), 3.1.1.4.i (L-istabbiliment ta' fond ta' finanzjament għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni b'kera baxxa), 3.1.1.6.i (Xiri ta' xarabanks elettriċi tal-iskola), 3.1.2.3.i (Reżiljenza u kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza); il-miżuri 5.1.1.1.i (Appoġġ għal mudell sħiħ ta' governanza tas-sistema tal-innovazzjoni), 5.1.1.2.i (Strument ta' appoġġ għar-riċerka u l-internazzjonalizzazzjoni), 5.2.1.r (Riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza) taħt il-Komponent 5 (Trasformazzjoni ekonomika u riforma tal-produttività) u miżura 6.1.2.4.i (Ħolqien ta' infrastruttura għat-twettiq ta' servizzi ta' kontroll f'Kundziņasala) taħt il-Komponent 6 (Stat tad-Dritt). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni u t-tnaqqis relatat fl-ispejjeż sottostanti, il-Latvja talbet li tuża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna l-miżura 3.1.1.7.i (Self lill-iżviluppaturi tal-proprjetà immobbli għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa) u l-miżura 3.1.2.6.i (L-iffaċilitar tad-disponibbiltà ta' għajnuniet tekniċi) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza). Abbażi ta' dak, il-Latvja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22.58 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (9) Wara l-emendi proposti mil-Latvja għall-RRP, il-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali naqset bi ftit minn 22,75 % għal 22,58 %. Dan it-tnaqqis żgħir jirrifletti r-riallokazzjoni tar-riżorsi liberati li jammontaw għal EUR 3 010 779 wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura 2.3.2.3.i (L-għeluq tad-distakk diġitali għall-istudenti u l-istituzzjonijiet edukattivi soċjalment vulnerabbli) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali) u l-kontribut ta' 100 % għall-oġettivi diġitali, lejn iż-żieda fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura 3.1.1.7.i (Self lill-iżviluppaturi tal-proprjetà immobbli għall-konstruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza) b'kontribut ta' 0 % għall-oġettivi diġitali. L-ambitu limitat ta' daww l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Spejjeż

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (11) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jnvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati, proporzjonali għall-miri mneħħija jew riveduti u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' daww l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (12) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mil-Latvja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (13) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtiegħ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtiegħa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (14) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Latvja huma ta' EUR 1 969 244 522. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ugwali għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Latvja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Latvja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 969 244 522. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal-Latvja tibqa' l-istess.
- (15) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (16) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza emendat għal-Latvja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Latvja huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
